# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

**MARZU 2019 – Ħarġa Nru: 168**




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## IL-PELLEGRINAĠĠ ...

Wieħed mill-karatteristiċi tar-Randan huwa l-pellegrinaġġ. Meta nieħdu sehem fih inkunu qed infissru li ħajjitna hi mixja: nitilqu minn post biex naslu f'ieħor. Il-pellegrinaġġ ifakkarna wkoll fil-mixja tagħna minn din l-art għal għand il-Mulej. Għalhekk, nagħmlu tajjeb li b'mod speċjali, fi żmien ir-Randan nieħdu sehem fil-pellegrinaġġi parrokkjali jew djoċesani.




Ix-xahar li għadda, grupp mill-parroċċa, bħala parti minn vjaġġ fil-Portugal, ħa sehem għal xi jiem f'pellegrinaġġ f'Fatima. Għalina l-Kattoliċi, dan il-post u oħrajn bħalu: Lourdes, Ruma, l-Art Imqaddsa u daż-żmien qed isir popolari wkoll Santiago de Compostela kif ukoll oħrajn, joffrulna esperjenza qawwija ta' fidi.

**Il-fatt li inti tinqata'** mill-ħajja normali ta' kuljum, tħalli kollox warajk biex tmur f'xi post għażiż mingħajr ma tkun taf eżatt x'se ssib... Dan kollu jgħinek biex iġġarrab esperjenza li qatt ma kellek qabel;

**Il-fatt li inti tiltaqa'** ma' mijiet u anke eluf ta' Kattoliċi bħalek, ġejjin minn diversi nħawi tad-dinja u jitkellmu b'ilsna differenti u flimkien magħhom, timxi, titlob, tkanta... Dan kollu jgħinek tapprezza l-universalità u s-sbuħija tal-Knisja;

**Il-fatt li inti ssib ruħek** f'ambjent trankwill meta forsi s-soltu tkun aġitat u għaddej minn ħaġa għall-oħra... Dan kollu jgħinek biex tieqaf tirrifletti fuq id-direzzjoni li qed tieħu ħajtek.

Kemm hu importanti għalhekk, li aħna xi drabi f'ħajjitna nagħmlu esperjenzi bħal dawn. Żgur li jkunu ta' għajnuna għalina biex nikbru kemm umanament kif ukoll spirtwalment.

**Żmien qawwi**

Ir-Randan joffrilna diversi prattiċi li nafuhom ilkoll: irmied, sawm, eżerċizzi, via sagra, purċissjonijiet, wirjiet... Ejjew ma nħalluhomx ikunu biss tradizzjonijiet u b'hekk isiru għan fihom infushom. Ejjew ninqdew bihom biex aħna nirriflettu fuq l-operat ta' ħajjitna, ħalli dak li hu tajjeb insaħħuh u dak li qed ifixkilna nibdew il-proċess biex ninħelsu minnu.

Prattika sabiħa f'dan iż-żmien huma d-diversi irtiri – kemm ta' ġurnata kif ukoll ta' xi jiem – li jiġu organizzati. Nippruvaw, jekk forsi qatt m'attendejna għal xi wieħed, nagħmlu hekk din is-sena. Żgur li esperjenza bħal din toħloq fina għatx għal aktar mumenti bħal dawn f'ħajjitna – l-istess kif jagħmel fina pellegrinaġġ li nkunu ħadnih bis-serjetà!

Jiena nawgura lil kulħadd li dan ir-Randan ikun tassew "mument ta' grazzja" billi niftħu widnejna sew ħalli nisimgħu l-Kelma t'Alla f'dan iż-żmien partikulari tas-sena. Hija Kelma li tista' trattab l-individwaliżmu tagħna u tgħinna ninfetħu għal Alla u għall-bżonnijiet ta' ħutna.

Ir-Randan it-tajjeb!

***Dun Evan***

## IR-RANDAN FIS-SANTWARJU … FIL-QOSOR!

**Pellegrinaġġi:**
***Erbgħa ta' Rmied:*** 6 ta' Marzu, fis-6.15pm mill-kappella tal-Lunzjata.
***Il-Ġimgħa qabel Ħadd in-Nies:***
8 ta' Marzu, fid-9.00pm minn Wied il-Għajn
***Ħadd in-Nies:*** 10 ta' Marzu fl-4.15pm
***Bil-vara tad-Duluri:*** 12 ta' April fis-6.30pm
***Bil-vara tal-Kruċifissjoni:*** 16 ta' April fis-6.30pm

**Kuljum:**
Ħsieb fuq l-Evanġelju tal-ġurnata qabel kull quddiesa.

**Nhar ta' Ġimgħa:**
Tifħir ta' Sbiħ il-Jum (lawdi) fit-8.00am
Qima lil Ġesù Kurċifiss: wara l-quddies tat-8.30am u 6.30pm

**Katekeżi**:
Ħames laqgħat dwar ir-rakkont tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej skont San Ġwann. Kull nhar ta' Ħamis u jibdew 7 ta' Marzu fis-7.00pm

**Qrar**:
Kull nhar ta' Ġimgħa mit-8.00am u mis-6.00pm 'il-quddiem




**Velja**:
Velja penitenzjali-marjana: 9 ta' Marzu fid-9.00-10pm u qrar għar-rebħ tal-Indulġenza Plenarja

**Eżerċizzi:**
***Santwarju:*** għal Kulħadd
- 11–15 ta' Marzu fid-9.00am mill-Kapp. John Muscat
- 8–12 ta' April waqt il-quddiesa tas-6.30pm minn P. Joe Zahra OP

***Sant'Andrija:*** "Għal kull min irid jidħol f'intimità ma' Ġesù"
- 11-15 ta' Marzu fis-7.00pm minn P. Chris Farrugia OFM

***Dumnikani***: għal Kulħadd
- 25-29 ta' Marzu fil-quddiesa tas-6.30pm mill-Kapp. P. Raymond Calleja OC

***Santa Marija***: għal Kulħadd:
- 1-5 ta' April fis-6.00pm minn Fr Stephen Attard

## ENVELOPE

Kif nagħmlu kull sena fil-bidu tagħha, ma' din il-ħarġa qed jitqassam **envelope** għall-offerti tagħkom bħala għajnuna għall-parroċċa. Kif tistgħu taraw mill-avviżi, ikollna diversi xogħlijiet għaddejjin, speċjalment ta' manutensjoni u restawr. **Tinsewx**: **aħna niddependu mill-għajnuna tagħkom**! Nirringrazzjakom ħafna ta' dak li se toffru. *L-Arċipriet*.

# SFIDA QUDDIEMNA!



Li ġejjin huma żewġ kelmiet li ma nsibuhomx fil-vokabolarju tagħna ta' kuljum:

INDIEMA = dispjaċir mill-imgħoddi tiegħi u riżoluzzjoni li ma nerġax naqa' fl-attitudnijiet jew l-għażliet żbaljati li wettaqt s'issa.

RIKONĊILJAZZJONI = it-tħabbib tiegħi mill-ġdid ma' Alla u ma' ħuti li nkun inqast.

Dawn iż-żewġ temi niltqagħu magħhom mill-ewwel ġranet tar-Randan, mill-Erbgħa ta' Rmied. F'dan il-jum, l-att penitenzjali ma jsirx fil-quddiesa. Wara s-smigħ tal-Kelma t'Alla u l-omelija, il-fidili jersqu b'mod niedem u b'fiduċja qawwija fil-ħniena t'Alla biex iqegħdu l-irmied fuq rashom.

**Minn fejn ġie r-rit?**

Dan ir-rit sempliċi hu ġej minn żmien meta fil-Knisja kien hemm dik li tissejjaħ il-*penitenza pubblika*. Dawk li kienu jwettqu xi dnub gravi bħall-qtil, adulterju, apostasija, dagħa li jagħti skandlu u oħrajn, kienu jersqu fil-katidral mimli nies u l-Isqof kien jilqagħhom b'rit solenni tat-tqegħid tal-irmied kif ukoll billi jtihom l-ilbies tal-ixkejjer – *in cinere et cilicio*. Matul l-40 jum tar-Randan, permezz tat-talb, l-eżortazzjonijiet (it-tagħlim li jirċevu) u l-penitenza, huma kienu jumiljaw ruħhom sakemm nhar Ħamis ix-Xirka, kienu jingħataw l-assoluzzjoni b'mod solenni minn fuq pulptu u b'hekk, jiġu rikonċiljati mal-Knisja.

F'noti miktubin fis-6 ta' Frar 1674, mill-Penitenzier tal-Katidral ta' Rouen fi Franza, f'eżortazzjoni li hu għamel lil 40 penitent pubbliku, insibu miktub hekk: "Fiż-żmien tal-penitenza tiegħek inti għandek tilbes l-ilbies tal-ixkora, ma tiekolx laħam, issum bil-ħobż u l-ilma, ma żżommx xagħrek f'postha, ma tgawdix il-kumpanija ta' martek, dejjem jekk hi taqbel ma' dan... Inti li għamilt użu minn ħwejjeġ li ma kienux permessi, issa jeħtieġ tiċċaħħad minn dak li hu permess għalik..."

**Rit għal kulħadd**

Meta din it-tip ta' penitenza ntemmet, bdew jieħdu sehem f'dan ir-rit anke dawk li ma kienux se jagħmlu l-penitenza pubblika. Il-Papa Urbanu II, fl-1091, ħajjar lill-insara kollha biex jagħmlu dan l-att ta' penitenza fil-bidu tar-Randan.

Fl-antik, ras ir-Randan kien magħruf bħala *in capite ieiunii* – "fil-bidu tas-sawm". Ir-Randan kien jibda mill-ewwel Ħadd (kif għadna nsibuh fir-Rit Ambrosjan ta' Milan). Wara, żdiedu erba' ġranet oħra biex ikollna 40 jum sħaħ ta' sawm (esklużi l-Ħdud). Hu għalhekk li r-Randan jibda mill-Erbgħa. Għalkemm dawn il-ġranet dejjem baqgħu meqjusa bħala barra mir-Randan u huma msejjħa *post cineres* – "wara rmied", illum inqisuhom bħala parti mir-Randan.

**Bidu ta' avventura**

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-attivitajiet marbutin mar-Randan f'paġna 3, nintebħu x'minjiera ta' ġid jista' joħroġ minnhom jekk neħduhom bis-serjeta'. Kull Randan huwa stedina għal sfida bil-mezzi li joffrilna tat-talb, l-għoti tal-karita' u l-penitenza. Nippruvaw nilqgħuha!

## NILTAQGĦU NHAR … MARZU 2019

**Ġimgħa 1**: *L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Wara l-quddiesa tas-6.00pm. ħin ta' adorazzjoni u barka sagramentali. Fil-knisja parrokkjali tal-Fgura ssir quddiesa fis-6.30pm mill-Arċipriet bħala għeluq taż-żmien li l-**kwadru pellegrin** tal-Madonna tal-Grazzja kien fil-parroċċa. Wara, jibqa' sejjer fil-parroċċa ta' Wied il-Għajn.

**Sibt 2**: Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.

**Ħadd 3: It-Tmien Ħadd tas-sena**

**Erbgħa 6**: **L-Erbgħa ta' Rmied u Bidu tar-Randan Imqaddes**. *Jum ta' sawm u astinenza*. Fil-quddies kollu jsir it-tqegħid tal-irmied. Fis-6.15pm ninġabru fil-kappella tal-Lunzjata fejn jitkanta s-Salm penitenzjali nru 50 u wara pellegrinaġġ bil-Kurċifiss li matul ir-Randan ikun espost fuq l-altar maġġur tas-santwarju. Wara, konċelebrazzjoni (live-streamed).

**Ħamis 7**: Fis-7.00pm, fis-santwarju, **l-ewwel katekeżi** dwar ir-rakkont tal-passjoni skont San Ġwann.

**Ġimgħa 8**: Fit-8.00pm quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn u wara pellegrinaġġ bil-kwadru pellegrin sas-santwarju fejn issir ċelebrazzjoni qasira. Kulħadd ikun mitlub jagħti offerta għall-**fondi tal-karità** tal-parroċċi rispettivi.

**Sibt 9**: Fis-6.15pm quddiesa u l-**għoti tal-mandat** lir-reffiegħa li se jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ ta' Ħadd in-Nies. Mistiedna l-familji tagħhom. Mid-9.00pm sal-10.00pm **VELJA** penitenzjali-marjana u qrar għar-rebħ tal-Indulġenza Plenarja (live-streamed).

**Ħadd 10**: **L-Ewwel Ħadd tar-Randan u Ħadd in-Nies**. Fl-4.15pm jibda l-**pellegrinaġġ** bil-vara tal-Madonna tal-Grazzja bis-sehem tal-Arċisqof. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni fis-santwarju (live-streamed).

**Tnejn 11**: Fid-9.00am jibda l-kors ta' **Eżerċizzi** għal kulħadd mill-Kapp. John Muscat.

**Ħamis 14**: Tibda **Fiera tal-Ktieb** fis-sala Ragħaj it-Tajjeb li tibqa' sejra sad-19 ta' Marzu. Fis-7.00pm it-**tieni katekeżi** dwar ir-rakkont tal-passjoni skont San Ġwann.

**Ġimgħa 15**: Fis-7.30pm, fil-Mużew tas-Santwarju se ssir **serata ta' tifkira** ta' Karmenu Bonavia – riċerkatur, kittieb u benefattur tas-santwarju. Jiġi mniedi ktieb ġdid bil-kitbiet tiegħu.

**Sibt 16**: Attività fil-Museum subien: *Mis-Sejħa għat-Tweġiba*. Mis-6.00pm 'il quddiem ikun hemm wirjiet mit-tfal, sketches u diskussjoni.

**Ħadd 17: It-Tieni Ħadd tar-Randan**

**Ħamis 21**: Fis-7.00pm it-**tielet katekezi** dwar ir-rakkont tal-passjoni skont San Ġwann.

**Sibt 23**: Fit-8.00pm quddiesa fil-kappella tal-Lunzjata għall-immigranti Kattoliċi.

**Ħadd 24**: **It-Tielet Ħadd tar-Randan**. Fl-10.00am jibda t-tieni **seminar** għall-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-preċett dis-sena. Fis-5.30pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr immexxija minn **Mons**. **Ġużeppi Farrugia** f'għeluq il-50 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Ilkoll imħeġġin nissieħbu miegħu.

**Ħamis 28**: Fis-7.00pm ir-**raba' katekeżi** dwar ir-rakkont tal-passjoni skont San Ġwann.

**Ħadd 31: Ir-Raba' Ħadd tar-Randan.** *Jum il-Ħelsien* – festa nazzjonali u pubblika.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Emanuela Caruana (87), Antonia Diacono (85), Grazio Fenech (76), Luigia Tabone (68), Michael Axiak (74), Josephine Gauci (95), Christopher Portelli (45), Dorothy Zarb (82), Joseph Zahra (73), Francis Brignone (81), Mary Grace Callus (69), Agnes Mallia (91), Theresa Grech (89), Loridana Fiorentino (51), Joseph Psaila (73), Angela Magro (73), Carmelo Mizzi (84), Mary Farrugia (88), Maria Zerafa (83), Silvana Grixti (59), Doris Romani (53), Doris McManus (77), Emanuel Buhagiar (79), Marianna Grech (89), John Zammit (63), Margaret Curmi (66), Sergio Zammit (71),